MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Numru 625/1996

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Calleja)
(Spettur Joseph Valletta)
vs
Joseph Christie

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Joseph Christie, detentur tal-karta tal-identita Nru. 34368(G) li permezz taghhom gie akkuzat talli :

Lil Joseph Christie, Stephen Grech u Silvan Cilia talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli :

a) f'H'Attard matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Settembru 1996, ikkomettew serq  mill-fond 'Blue Clinic' sitwata fit-Triq l-Pitkali, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin

u vjolenza numerika u li sar ghad-detriment ta’ Dr. Frank Portelli MD;

b) Fin-Naxxar nhar il-25 ta’ Settembru 1996 f’xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ta’ valur mill-fond “Tamarisk” sitwat fi Triq il-Forga Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000), bl-lok u vjolenza numerika u li sar ghad-detriment ta’ John Zammit;

c) F’Haz-Zebbug nhar id-29 ta’ Settembru 1996 f’xi hin wara nofsinhar ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ta’ valur mill-fond “Ghabex” sitwat fi Triq l-Imdina, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira (LM1000) Maltin, vjolenza numerika u lok u li sar ghad-detriment ta’ Vincent Borg;

d) F’Santa Venera nhar l-5 ta’ Ottubru, 1996 f’xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti mill-fond “Sacred Heart” sitwata fi Triq ix-Xarretta, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, lok, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u li sar ghad-detriment ta’

e) Lil Joseph Christie u Stephn Grech wehedhom akkuzati talli f’Hal-Ghaxaq, fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Settembru 1996, ikkommettew serq ta’ oggetti tad-deheb mill-Knisja parrokjali ta’ Santa Maria, liema serq huwa kkwalifika bil-mezz, hin, lok u valur u li sar ghad-detriment ta’ l-istess knisja;

f) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli fit-3 ta’ Ottubru, 1996, f’xi hin filghodu fil-Pieta, ikkometta serq ta’ diversi oggetti mill-fond ‘Calypso’ f’84/1, Gwardamangia Hill, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u lok, u li sar ghad-detriment ta’ Carmelo Guilaumier;

g) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli f’Hal-Qormi fil-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru 1996 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond “Ray Car Hire” sitwat fi Triq il-Kaccatur, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u li

jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) hin, u li sar ghad-detriment ta' Rowanne Avallone;

h) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'Haz-Zabbar nhar it-3 ta' Ottubru 1996, f'hin bejn it-8.00p.m. u l-10.30p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Mirarfi" sitwat fi Triq il-Mina ta' Hompesch, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Joseph Zarb;

i) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'B'Kara nhar is-26 ta' Mejju 1996, f'xi hin bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Villa Muzika" sitwata fi Triq Galanton Vassalli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u lok u li sar ghad-detriment ta' George Debono;

j) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, fil-21 ta' Gunju, 1996 f'xin hin qabel l-11.00p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond Flat 3, Garden Grove, Star Street, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Mario Schembri Wismayer;

k) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'San Gwann matul il-lejl ta' bejn s-7 u it-8 ta' Setembru, 1996 ikkometta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Lantern" sitwat fi Triq Marmora, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Saviour Borg;

l) Lil Kevin Sammut wahdu, akkuzat talli f'B'Kara fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Settembru, 1996, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond Karinya sitwata fi Triq Agius De Soldanis, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Anthony Desira;

m) Lil Kevin Sammut wahdu, akkuzat talli f'Bugibba fid-9 ta' Settembru f'xi hin bejn l-4.50p.m. u l-10.30p.m. ikkometta serq ta' divesi oggetti ta' valur, mill-fond 2A, "Caccia Flats" sitwat fi Triq il-Hgejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin

(LM1000), hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Norman Bezzina'

n) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli matul l-ahhar xhur, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

o) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hassru l-aperturi tar-residenzi fuq imsemmija ghad-detriment ta' l-istess sidien;

p) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli f'dawn il-gzejjer matul l-ahhar xhur b'xi mod li jkun, xjentement ghinu u assistew lill-awtur jew awturi ta' delitti imsemmija hawn fuq li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

q) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli huwa sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti diversament presjeduti datati 21.4.1986, 21.05.1990 (Appell) u 12.02.1996 rispettivament;

r) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 5 tal-Kap. 152 ta' Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti datata 7.03.1994 li biha kien gie misjub hati ta' reat u illiberat bil-kundizzojni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

s) Lil Kevin Sammut wahdu akkuzat talli huwa sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti datati 16.12.1994 u 29.11.1995 rispettivament liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti semghet lil Joseph Christie debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet

kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-15 ta’ Frar, 2002.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat Joseph Christie ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru 1996.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena x-xhieda illi tat Joan Camilleri, clinical psychologist mas-SATU, minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghandu tahlita ta’ paranoja u “obsessional personality”, qieghed taht il-kura ta’ Dr Spiteri, tabib psikjatra, u jirrizulta wkoll illi Joseph Christie ma ghandux il-“coping skills” necessarji sabiex ikun jista jintegra ruhu fis-socjeta’. Joseph Christie qieghed jinghata pilloli filghodu, kif ukoll filghaxija b’doza pjuttost qawwija u dawn il-pilloli irid jibqa jehodhom bil-fors.

Illi irrizulta wkoll minn din ix-xhieda illi Joseph Christie kien ghamel diversi programmi, ittermina b’mod komplet wiehed jew tnejn, u r-raguni ghall-falliment tal-programmi precedenti kien ghaliex psikjatrikament Joseph Christie ma kienx qieghed jigi moghti l-ebda kura u ghalhekk rega’ waqa’ fil-vizzju tad-droga.

Illi sussegwentement il-Qorti fuq talba tad-difiza hatret lil Dr Victor Shields sabiex ihejji “pre sentencing inquiry report” fil-konfront ta’ Joseph Christie.

Illi Dr Shields ipprezenta u halef ir-rapport tieghu, liema rapport jinsab a fol. 829 sa fol 841 tal-process. Illi bazikament Dr Shields qieghed jirrakkomanda illi Joseph Christie jinghata supervizzjoni psikoterapewtika, izda wkoll dik medika li trid tibqa sejra ghall-perjodu indefinit. Gie suggerit “follow up treatment and progressive assessment” u dana sa kemm il-“unit co-ordinator” tal-programm li qed isegwi Christie jidhirlu li jkun wasal iz-zmien illi Christie ikun fi stat emozzjonali ekwu biex ikun jista’ jibda isegwi programm ta’ “after care” taht is-

supervizzjoni kontinwa u stretta tal-"professional carers" tas-Substance Abuse Therapeutic Unit.

Illi xehed Dr John Zammit Montebello, il-ko-ordinatur tal-programm tas-SATU li qieghed isegwi Joseph Christie, u qal illi dwar il-lat mediku u ukoll dwar l-imgieba tieghu Joseph Christie ghamel progress sostanzjali. Christie ghandu l-problema ta' "depression with a paranoid ideation". Huwa qieghed taht il-kura u jiehu l-pilloli kulljum u accetta li jiehu l-medicini minghajr ma joqghod jipprova inaqqas minn jeddu. Dr Zammit Montebello xehed illi meta Christie kien barra ma kien hemm l-ebda kontroll fuqu. Il-problema ta' Christie hija li ilu zmien twil "institutionalised" u meta johrog fid-dinja inridu naraw kemm ser ikun kapaci ifendi ghal rasu u ghalhekk huwa importanti ferm li jkun hemm xi hadd illi isegwih fuq bazi regolari.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat Joseph Christie.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi l-imputat ma jistax jinghata xi sentenza sospiza u lanqas ma jistghu jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, l-Qorti thoss illi ghandha tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 9, peress illi irrizulta b'mod car illi l-imputat Joseph Christie ghamel progress sostanzjali u jidher illi jrid jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant il-Qorti, wara illi rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat Joseph Christie, misjub hati kif diga intqal, ghal prigunerija ta' disa' xhur u tirrakkomandalu bl-akbar qawwa sabiex meta jiskonta l-piena tieghu ta' prigunerija jibqa jattendi fuq bazi volontarja is-SATU ghal trattament ta' after care u dana kemm fl-interess tieghu u kif ukoll fl-interess tas-socjeta'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------